**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Denise Galea ta' 22 sena bint John u Mary nee Mercieca li toqghod 'JohnMar', Triq Cetta Mintoff, Victoria, Ghawdex. Karta ta' Identita' numru 412593 (M)**

Illum 20 ta' Frar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli nhar fis-16 ta' Marzu 2001 ghall-habta tas-6:45p.m. fi Triq Sannat, Sannat, Ghawdex (1) saqet karozza KBB 371 b'manjiera traskurata, perikoluza u b'velocita eccessiva (2) talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, laqtet u xehtet ma' l-art lil Josephine Sultana minn Kercem u kkagunatilha ferita ta' natura gravi skond kif iccertifikaw Dr Julius Kvas M.D. u Dr Julian Portelli M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex, kif ukoll laqtet u xehtet ma' l-art lil Francis Sultana minn Kercem u kkagunatlu griehi ta' natura hafifa hekk skond kif iccertifika Dr Ian Galea M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex, (3) talli b'konsegwenza ta' din il-habta kkagunatlu feriti ta'natura hafifa fuq il-persuni ta' ommha Maria u huha Kevin Galea li kienu passiggieri fl-istess vettura u dawn il-griehi gew iccertifikati minn Dr M Saliba M.D. ta' l-Isptar Generali, (4) talli nvolontarjament ikkagunat hsarat fuq vettura KBB 371 ghad-dannu ta' missierha John, (5) aktar talli fl-istess data hin u post kagun ta' l-istess kollizzjoni kkawzat hsarat fuq parti minn hajt fi Triq Sannat, Sannat b'detriment ghall-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita timpedixxi lill-imputata milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq l-istess Onorabbli.

Semghet il-provi u r-rinunzja tal-partijiet kollha nvoluti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata dwar l-ewwel u t-tieni akkuzi;

Fuq ammissjoni ssibha hatja ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi;

Rat l-artikoli 15(1) (a) tal-Kap 65 u l-artikolu 226 tal-Kap 9;

Tikkundannaha ghal hlas ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin (Lm50);

Tilliberaha mit-tieni, r-raba’ u l-hames akkuzi u tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront taghhom.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur